**Kards għar-Rigali BESTSELLER**
**Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali għal Detenturi ta' Kards f'Malta**

It-Termini tal-Użu li ġejjin (it-'**Termin**i') japplikaw għall-kard tar-rigali BESTSELLER (il-"**Kard BESTSELLER"**).

1. Il-Kard BESTSELLER tinħareġ minn fashioncheque holding B.V. li għandha numru tar-reġistrazzjoni 34252189, numru tal-VAT NL816058982B01 u li l-indirizz reġistrat tagħha hu f'Kruisweg 801-C, 2132 NG Hoofddorp, in-Netherlands ("l-**Emittent"**).

2. Il-bejgħ ta' Kard BESTSELLER jinvolvi l-bejjiegħ bl-imnut, li minn għandu tinxtara l-Kard BESTSELLER, u li jaġixxi f'isem l-Emittent.

3. Kard BESTSELLER tibqa' valida għal erba' snin wara li tixtriha, u mbagħad, tiskadi.

4. Kull kreditu li ma jkunx użat jew li jibqa' fuq il-Kard BESTSELLER ma jistax jingħata lura jew jinbidel fi flus.

5. Kards BESTSELLER ma jistgħux ikunu rriċarġjati bi kreditu addizzjonali.

6. Il-kreditu massimu fuq Kard BESTSELLER hu ta' EUR 500.

7. Kards BESTSELLERS mhumiex personali u allura huma trasferibbli.

8. Meta tixtri Kard BESTSELLER online bħala vawċer diġitali, il-Kard BESTSELLER tkun provduta bħala prodott diġitali, b'aċċess immedjat. Meta d-Detentur tal-Kard jaċċetta dawn it-Termini, hu jkun qed jaċċetta li meta jirċievi l-Kard BESTSELLER, il-kuntratt ikun tlesta kompletament, u li jkun qed jirrinunzja għad-dritt għal irtirar.

9. Ladarba l-Kard BESTSELLER tinħareġ, ma tkunx tista' tkun sostitwita jew skambjata. Jekk il-kard tkun immodifikata, issir ineliġibbli jew imħassra, ser tkun meqjusa invalida.

10. Il-Kards BESTSELLER ma jistgħux ikunu bblokkati.

11. Kards BESTSELLER jistgħu jintużaw għand kull bejjiegħ bl-imnut parteċipanti f'Malta[1]

12. Kards BESTSELLER jistgħu jintużaw biss biex tixtri l-prodotti li ġejjin: ħwejjeġ inklużi żraben u aċċessorji (bħal basktijiet u ġojjellerija), kożmetiċi u fwejjaħ.

13. L-ammont fuq il-Kard BESTSELLER jista' jintuża biex tħallas parti jew l-ammont kollu tal-prezz tax-xirja.

14. L-Emittent ma jassumi ebda responsabbiltà jew imputabbiltà għal kull telf, serq, spiża, ħsara jew użu mhux awtorizzat tal-Kard BESTSELLER, ħlief jekk dawn ikunu kkawżati mill-Emittent.

15. L-emittent ma jassumi ebda responsabbiltà jew imputabbiltà għal talbiet, domandi, telf, miżati, spejjeż li jirriżultaw minn kwalunkwe tranżazzjoni bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ bl-imnut.

16. Dawn it-Termini huma regolati mil-liġijiet ta' Malta. Il-Qrati ta' Malta ser ikollhom ġurisdizzjoni esklużiva fuq kull talba u tilwima li tinqala' b'relazzjoni ma' jew konnessa ma' dawn it-Termini.

17. L-emittent ser jiddepożita l-fondi li jirċievi biex jikkredita l-Kards BESTSELLER matul il-perjodu tal-validità tagħhom f'kont fiduċjarju wieħed jew iktar f'bank wieħed jew iktar. Dawn il-kontijiet fiduċjarji jinżammu f'isem l-emittent bħala kontijiet fiduċjarji kollettivi. L-emittent ser jirreferi l-banek li jżommu l-kontijieit fiduċjarji miftuħa għar-relazzjoni fiduċjarja. L-Emittent ser jassikura li l-ammonti tal-pagament li jinżammu fil-kontijiet fiduċjarji jkunu kull ħin assenjabbli b'responsabbiltà lill-kreditur rilevanti u li qatt ma jkunu magħqudin mal-kontijiet ta' xi persuna naturali jew fiżika ħlief ma' tal-kreditur tal-emittent li għalih qed jinżammu, b'mod partikolari mal-fondi tal-emittent stess. L-emittent jista' jnaqqas ammonti mill-kontijiet fiduċjarji li jikkorrispondu ma' kull talba mill-emittent kontra l-kreditur rispettiv. Fuq talba, l-emittent irid jinforma lill-kreditur rispettiv dwar il-bank u l-kont fiuċjarju li fih l-ammonti tal-pagament ikunu depożitati u jindika jekk il-bank li fih huma depożitati l-ammonti tal-pagament jipparteċipax f'faċilità li tassikura t-talbiet ta' depożitaturi u investituri.

[1] Tista' tara l-bejjiegħa tal-imnut parteċipanti permezz tax-Shopfinder fuq il-ħwienet tal-marki BESTSELLER online.

18. Kards BESTSELLERS mixtrija u attivati f'Malta jistgħu wkoll ikunu mifdija fl-Awstrija, fir-Repubblika Ċeka, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Gżejjer Faroe, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu, fin-Norveġja, fil-Polonja, fil-Portugall, fis-Slovakkja, fis-Slovenja, fi Spanja, fl-Iżvezja, fl-Iżvizzera, fit-Turkija, fir-Renju Unit.

19. L-Emittent jirriżerva d-dritt li jbiddel dawn it-Termini minn żmien għal żmien.

20. Dawn it-Termini kienu aġġornati l-aħħar f'Novembru 2024.